**MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IT-TMIEN KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 66– Il-Ġimgħa 24 ta' Mejju 2024**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fit-2:30pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Kevin Cauchi | Sindku |
| | Franco Ciangura | Viċi Sindku |
| | Larry Buttiġieġ | Kunsillier |
| | Stephen Mercieca | Kunsillier |
| | Teddy Saliba | Kunsillier |
| | Lucienne Haber | Segretarju Eżekuttiv |

66.1 Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku Kevin Cauchi.

**66.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

66.2.1 Inqraw il-Minuti u ġew ikkonfermati.

**66.3 Qari ta' l-ittri ta' apoloġija**

Ma kienx hemm ittri ta' apologija.

**66.4 Komunikazzjoni mis-Sindku**

Is-Sindku Kevin Cauchi esprima s-sodisfazzjon tiegħu għal fatt li wasalna fl-aħħar laqgha ta' din il-legislatura, 66 laqgħa li lkoll kienu bl-istorja tagħhom. Huwa stqarr li bil-proġetti u l-attivijiet li wettaqna għandna għax tassew inkunu kburin u dawn kienu riżultat tal-fatt li dejjem ħdimna u ddiskutejna flimkien, lkoll bil-għan wieħed u ħallejna r-raħal isbaħ milli sibnih.

## 66.5 Kommunikazzjoni mill-Kunsilliera

Ma kienx hemm kommunikazzjoni mill-Kunsilliera.

## 66.6 Korrispondenza

Ma kienx hemm korrispondenza x'tiġi diskussa.

## 66.7 Approvazzjoni Financial Statement

66.7.1 Ġew preżentati l-Financial Statements u minkejja li ġie nnotat deficit dan ġie kkaġunat minħabba ko-finanzjament tal-għadd kbir ta' proġetti li qed jitwettqu u spejjes mhux previsti li jinqalgħu waqt l-attivitajiet. Il-Financial Statements kif provduti mill-awdituri ġew approvati.

## 66.8 Inawgurazzjoni Pjazza Tolfa u żjara minn delegazzjoni Tolfa

66.8.1 Is-Sindku rrefera għall-inawgurazzjoni tal-proġett ta' Pjazza Tolfa li ser isir għada fil-5pm. Mistednin fost l-oħrajn ser ikun hemm delegazzjoni minn Tolfa komposta mill-eks Sindki l-Onorevoli Alessandro Battilocchio u Luigi Landi u s-Sindku preżenti Stefania Bentivoglio.

## 66.9 Għeluq tal-leġislatura

66.9.1 Is-Sindku irrefera għal fatt li l-Viċi Sindku Franco Ciangura li mhux ser jerga jikkontesta għall-elezzjonijiet tal-Kunsill u għalhekk ħidmietu fil-Kunsill tieqaf hawn. Huwa f'isem il-Kunsill irrigrazzjah tal-għanijiet tiegħu li dejjem wettaq b'mod speċjali fejn jidħlu proġetti tal-Milied u Ġimgħa Mqaddsa u sfidi ta' pandemija. Is-Sindku rringrazzja wkoll lil sħabu l-kunsilliera għal mod kif ħdimna tajjeb ħafna flimkien u dejjem kienu attivi u jmorru oltre u jgħinu bi shih. Huwa awguralhom suċċess fl-elezzjonijiet u awgura li l-poplu japprezza l-isforzi li nagħmlu.

66.9.2 Is-Sindku għadda wkoll ir-ringrazzjament tiegħu b'mod partikolari l-istaff u lis-Segretarju Eżekuttiv li kienet mutur ewlieni . Huwa stqarr li kien hemm mumenti fejn għajjejna u qtajna qalbna iżda l-entużjażmu tagħna għinna biex inkomplu minn proġett għall-ieħor u nkomplu napplikaw għal aktar fondi.

66.9.3 Il-kunsillier Larry Buttigieg irringrazzja lil Viċi Sindku, tar- rikonoxximent li ta lil raħalna u anke poggih fuq skala nazzjonali. Huwa jinsab ċert li żgur ser ikompli jaħdem anke permezz tal-Ghaqda Drammatika u żgur li mhux ser jistenna li jkun fil-Kunsill biex ikompli jaħdem għar-raħal. Huwa awgura suċċess lil sħabu u jħalli l-għażla f'idejn il-poplu. Huwa stqarr li jħoss li din kienet l-aktar legislatura pożittiva anke finanzjarjament u anke f'akkwist ta' fondi tal-Unjoni Ewropeja.

66.9.4 Il-kunsillier Stephen Mercieca awgura wkoll lil Vici Sindku u ghamel referenza ghal fatt li dejjem flimkien u kien hawn l-ghaqda u ftehim. Huwa awgura li nibqghu magħqudin u li l-Kunsill li jmss ser isib it-triq mifruxa f'dawk li huma proġetti u ħidmiet.

66.9.5 Il-kunsillier Teddy Saliba rringrazzja lil Viċi Sindku Franco Ciangura tal-ħidma u l-ideat tiegħu u li kien ta' ispirazzjoni kbira.

66.9.6 Il-Viċi Sindku Franco Ciangura rringrazzja lil kulħadd. Huwa spjega kif kull kunsillier kellu areas fejn jaħdem u huwa dejjem ipprova jaħdem f'kull dekasteru li ġie assenjat lilu. Huwa rrefera għal dan il-Kunsill bħala team u tħossok komdu. Pero għalih kien wasal iż-żmien li jieħu ċertu deċizzjonijiet f'ħajtu u din li jtemm ħidmietu fi ħdan il-Kunsill kienet waħda minnhom. Huwa nnota b'sodisfazzjoni li f'dan il-kunsill kien hemm ċerta kontinwazzjoni u jixtieq li minn ġej warajna jkompli fuq il-ħidma li wettaqna u żgur li ser isib/u sodda mifruxa u tkompli l-ħidma. Irringrazzja lil kulhadd anke tal-ħbiberija.

66.9.7 Is-Segretarju Eżekuttiv ukoll irringrazzjat lil Viċi Sindku ta' hidmietu fil-Kunsill u tas-sapport kontinuwu u awguratlu l-mistrieħ mistħoqq. Fl-istess waqt awgurat ukoll lil kunsilliera l-oħra kollha kull suċċess fl-elezzjoni tat-8 ta' Ġunju u rreferiet għalihom bħal team uniku.

## 6.10 Approvazzjoni tal-Pagamenti

66.10.1 Ġiet approvata l-iskeda tal-pagamenti numru 132.

## 66.11 Materji oħra

Ma kienx hemm materji oħra x'jiġu diskussi.

## 66.12 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgha ntemmet fl-4:00pm u giet aggornata ghal nhar il-Gimgha 14 ta' Gunju 2024 fil-5:30pm.

**Kevin Cauchi**
**Sindku**

**Lucienne Haber**
**Segretarju Eżekuttiv**